MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2007

Avviz Numru. 198/2007

**Francis Zammit & Brothers (P 471)**

**Vs**

**Almeco Limited (C20939)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn u mitejn lira (Lm2200.00), import ta’ ghaxar (10) kambjali iffirmati u accettati (kopji annessi mal-avviz u mmarkati Dok A sa Dok E), li jgibu n-numru 15 sa 24, flimkien mal-imghax kummercjali kalkolat mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala sal-31 ta’ Mejju, 2007 ammontanti ghal mija, disgha u tletin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm139.32,0).

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti komplessivament a fol 2 sa fol 6 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fl-10 ta' Settembru 2007 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas komplessivament lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u tletin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm2339.32,0) bl-imghax legali ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Gunju 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------